

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (it-Tielet Awla) tat-23 ta' Novembru 2017 – Bionorica SE (C-596/15 P), Diapharm GmbH & Co. KG (C-597/15 P) vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawżi Magħquda C-596/16 P u C-597/15 P)<sup>(1)</sup>

(Appell — Saħħha pubblika — Protezzjoni tal-konsumaturi — Regolament (KE) Nru 1924/2006 — Indikazzjonijiet tas-saħħha li jikkonċernaw l-ikel — Artikolu 13(3) — Lista ta' indikazzjonijiet tas-saħħha awtorizzati li jikkonċernaw l-ikel — Sustanzi botaniċi — Indikazzjonijiet tas-saħħha sospiżi — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Artikolu 265 TFUE — Teħid ta' azzjoni mill-Kummissjoni Ewropea — Interess ġuridiku — Locus standi)

(2018/C 022/03)

Lingwa tal-proċedura: il-Ġermaniż

### Partijiet

Appellant: Bionorica SE (C-596/15 P), Diapharm GmbH & Co. KG (C-597/15 P) (rappreżentanti: M. Weidner, T. Guttau u N. Hußmann, Rechtsanwälte)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Grünheid u M. Wilderspin, aġenti)

### Dispożittiv

- 1) Id-digriet tal-Qorti Ġeneral tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Settembru 2015, Bionorica vs Il-Kummissjoni (T-619/14, mhux ippubblifikat, EU:T:2015:723), huwa annullat.
- 2) Ir-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni ppreżentat minn Bionorica SE fil-Kawża T-619/14 huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 3) L-appell fil-Kawża C-597/15 P huwa miċħud.
- 4) Bionorica SE u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu kull waħda minnhom l-ispejjeż propriji tagħhom, sostnuti kemm fl-ewwel istanza fil-Kawża T-619/14 kif ukoll fl-appell fil-Kawża C-596/15 P.
- 5) Diapharm GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-appell fil-Kawża C-597/15 P.

<sup>(1)</sup> ĠU C 16, 18.01.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-16 ta' Novembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-College van Beroep voor het Bedrijfsleven – il-Pajjiżi l-Baxxi) – Robeco Hollands Bezit NV et vs Stichting Autoriteit Financiële Markten (AFM)**

(Kawża C-658/15)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2004/39/KE — Swieg ta' strumenti finanzjarji — Artikolu 4(1)(14) — Kunċett ta' "suq irregolat" — Kamp ta' applikazzjoni — Sistema li fiha jipparteċipaw, minn naħa, sensara li jirrappreżentaw investituri u, min-naħħa l-oħra, aġġenti ta' iċtistuzzjonijiet tal-investiment tat-“tip miftuħ” li għandhom l-obbligu jeżegwixxu ordnijiet relatati mal-fondi tagħhom)

(2018/C 022/04)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

### Qorti tar-rinviju

College van Beroep voor het Bedrijfsleven